MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 49/2018

It-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

49.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 48/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

49.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

49.2.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba talab għall-korrezzjoni tal-minuti 48.4.2 fejn qal li kien ressaq suġġeriment għal darba oħra sabiex Triq Ta' Ċenċ tkun aktar aċċessibli li t-trasport pubbliku jkun jista' jgħaddi minn din it-triq ħalli r-residenti ta' dawk l-inħawi jkollhom is-servizz mixtieq minnhom.

49.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

49.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta dwar *email* li l-Kunsill kien bagħat lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-latrina l-ġdida tax-Xwejni li nbniet mill-Kunsill, isir ix-xogħlijiet ta' tlestija mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti mill-eżerċizzju li qed isir mill-istess Ministeru fejn qegħdin jirranġaw il-latrini pubbliċi madwar Għawdex. Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li jibda l-proċess għal sejħa tal-offerti biex isiru dawn ix-xogħlijiet ta' tlestija għax ma jistax ikun nistennew aktar. Kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha dwar dan.

49.3.2 Is-Sindku ppreżenta s-suġġeriment li kienu ressqu Żebbuġ Rovers FC dwar l-attivita' tal-Beer Fest fi Triq Mons De Piro. Wara diskussjoni twila fuq dan is-suġġett, il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament l-organizzazjoni mill-Kunsill ta' din l-attivita' bil-kollaborazzjoni ta' Żebbuġ Rovers FC hekk kif ġej:

- Permessi għall-attivita'mill-Kunsill
- Transport Malta Officers (*budget* €500)
- ERRC first aiders (*budget* €300)
- Tindif l-għada tal-attivitajiet mill-ħaddiema tal-kunsill
- Security Officers għal waqt l-attivita' inkluż mal-lejl (*budget* €525)
- Arloġġ u konsum tad-dawl (*budget* €200)
- Band (*budget* €1,000)
- Polza t'assigurazzjoni

Kien hemm qbil li affarijiet oħra marbuta ma' din l-attivita' ser jieħdu ħsiebhom u jkunu taħt ir-responsabilita' ta' Żebbuġ Rovers F.C.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

49.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Quddiem Sqaq l-Andar qed tinħoloq problema bl-iskart peress li r-residenti ta' dan l-isqaq qed joħorġu l-iskart tagħhom barra mill-isqaq u qed ikun ta' nkonvenjent għas-sid tad-dar ta' faċċata tal-isqaq. Is-Sindku wieġeb li kulħadd jaf li suppost għandu jħalli l-borża tal-iskart quddiem il-bieb tad-dar tiegħu u l-problema li qed tissemma ġrat darba waħda biss.
- Il-bankijiet ta' Triq Għajn Mhelhel u hemm bank ieħor fi Triq il-Qbajjar huma maqlubin wisq u ssuġġerixxa li ssir platform tal-konkos taħt il-bankijiet biex jinvellaw ruħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

49.4.2 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti:

- Biex tinqala' r-*roadhump* fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku wieġeb li qabel ma titwessa' dik it-triq, ikun ta' periklu kbir jekk titneħħa din ir-*roadhump*.
- Fakkar dwar proposta li kien ressaq u li kienet ġiet approvata sabiex jiddawlu x-xelters fi Triq iż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jinġabru kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.
- Biex jeħlu t-tabelli tax-xelter u tal-latrina pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sar kuntatt mal-kuntrattur li għamel dawn it-tabelli

sabiex isiru l-arbli u flok jeħlu mal-ħajt, jitpoġġew mal-arbli tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

- Suġġeriment sabiex Triq iċ-Ċnus tiġi aċċessibli għal ma' Triq il-Ponta fejn tesporġi ma' Triq il-Kanun. Kif ukoll Triq ta' Ċenċ tkun aċċessibli għat-trasport pubbliku biex tilħaq lir-residenti ta' dawk l-inħawi. Chev Carmelo Saliba saħaq li ser ikompli jsostni dan il-punt avolja sa issa ma kienx hemm appoġġ mill-Ministeru għal Għawdex.

## 49.5 Festa Santa Marija 2018;

Il-Kunsill unanimament qabel li jkun organizzat dan il-programm t'attivitajiet:

| | |
|---|---|
| 5 t'Awwissu 2018 | Tiġrijiet tradizzjonali taż-Żwiemel (*budget* ta' €1,000) |
| 8 t'Awwissu 2018 | Kunċert mill-Banda Santa Marija (*budget* ta' €1,000) |
| 10 t'Awwissu 2018 | Attivita' soċjali fi Pjazza l-Assunta (*budget* €1,000) |
| 12 t'Awwissu 2018 | Attivita' tal-logħob għaż-żgħażagħ (*budget* €500) |
| 13 t'Awwissu 2018 | Kunċert mill-Kor Regina Angelorum u l-Kor Santa Marija taż-Żebbuġ (*budget* €500) |
| 16 t'Awwissu 2018 | Attivita' għall-familja fil-pjazza tal-lokal bil-parteċipazzjoni tal-grupp 'D Capitals' (*budget* €500) |
| 17 t'Awwissu 2018 | Produzzjoni ta' feature audioviżiv dwar l-istorja tar-raħal u l-avvenimenti lokali (*budget* €800) |
| 18 t'Awwissu 2018 | Sky Concert (*budget* €2,000) |

Il-Kunsill unanimament approva wkoll ix-xiri ta’ 400 bozza led biex jintużaw fil-jiem tal-festa kif ukoll biex isiru toqob ġodda għall-arbli fil-festa bi spiża ta’ €1,000.

Il-Kunsill approva:

- t-tindif tat-toroq fil-ġranet tal-festa jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill bl-istess spiża tas-sena l-oħra;
- il-gabbani/kjosks tal-festa jżommu l-istess post tas-sena l-oħra.

## 49.6 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

49.6.1 Ċirkulari AKL 2018/057 – Laqgħa Plenarja 07/07/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.2 Ċirkulari AKL 2018/058 – Stqarrija għall-Istampa 31/05/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.3 Ċirkulari AKL 2018/051 – Preżentazzjoni mill-Kumpanija Paragon waqt is-seminar Proġett Mobilitas. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.4 Ċirkulari AKL 2018/059 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 7. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.5 Ċirkulari AKL 2018/060 – *Bipolar Awareness* (*Be Positive Self Help Bipolar Malta*). Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.6 Ċirkulari AKL 2018/061 – Stqarrija għall-Istampa 05/06/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.7 Ċirkulari AKL 2018/062 – Stedina – Tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020 – 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.8 Ċirkulari SPI 7 2018 – Regoament Generali dwar il-Protezzjoni tad-Data (*General Data Protection Regulation*). Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.9 Ċirkulari SPI 8 2018 – Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.10 IPS *Circular No*. 3/2018 – *Summer Work Placements*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.11 Il-Kunsill irċieva protest uffiċċjali mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mill-Avukat Anton Refalo għan-nom ta' Anthony u Frances konjugi Zammit rigward is-sinjali ta' Triq Skapuccina. Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ittieħed parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill Dr Mario Scerri li ser jirrispondi uffiċjalment fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dan il-protest.

49.6.12 Applikazzjoni tad-Divertiment

- George Borg obo Vini e Capricci – Dinner – Xwejni Salt Pans (site plan attached) – 28/07/2018 – Approvata;

Il-Kunsill saħaq li l-permess huwa approvat mill-Kunsill bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill u ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Pulizija

49.6.13 Fuq suġġeriment imressaq minn Chev Carmelo Saliba fil-laqgħa ta' qabel bin-numru 23/2018, biex isir servizz ta' *live streaming* lill-komunita' u lil dawk iż-żebbuġin li jinsabu barra minn xtutna sabiex isegwu l-attivitajiet li jkunu organizzati fir-raħal, saret talba għal tlett kwotazzjonijiet għall-istallazzjoni tas-servizz ta' *live streaming* minn ġo Pjazza l-Assunta u minn ġol-Knisja man-naħa tal-orgni. Fil-Kunsill waslet kwotazzjoni waħda mit-tlieta mitluba, dik ta' Jimmy's Electronics li tammonta għal €3,200 eskluż il-VAT. Il-membri preżenti qablu unanimament li jiġi nstallat dan is-servizz minn Jimmy's Electronics u talbu biex issir pressjoni sabiex dan ix-xogħol jitlesta qabel il-festa sal-kwindiċina.

49.6.14 Fuq suġġeriment imressaq fil-laqgħa ta' qabel bin-numru 28/2018, wara li ntalbu kwotazzjonijiet għal korsijiet tas-sajf lir-residenti taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn, il-Kunsill irċieva l-kwotazzjonijiet, u ġie deċiż li jerġgħu jsiru l-korsijiet tas-Sajf bħas-sena l-oħra.

49.6.15 Ilment 29/2018 – M. Fiteni

Jitlob sabiex titbaxxa l-parti tal-bankina ta' quddiem il-garaxx biex ma tibqax imqabża 'l fuq. Kien hemm qbil mil-membri li jsir dan ix-xogħol u din il-bankina ser tiżdied mal-lista ta' bankini li hemm bżonn isir xogħol fuqhom.

**49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 37/2018 tat-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 35/2018 għall-perjodu bejn id-29 ta' Mejju 2018 u it-8 ta' Ġunju 2018 li tammonta għal €36,812.78 kienet approvata u ffirmata.

**49.9 Mozzjonijiet;**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**49.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| <u>Iffirmati</u> | <u>Iffirmati</u> |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |